MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Numru 471/2008

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
George Debattista, iben joseph, imwieled Marsa fil-21 ta' Jannar, 1947

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-28 ta' April, 2008 u fiż-żminijiet ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu, u cioe' fil-ħanut 'El Panadero', Triq il-Pitkali, Attard kwantita' ta' petroleum, cioe' kwantita' li teċċedi l-ammont ta' 300 litru.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 3(2)(a) tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett mitt euro (€300).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------